MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2014

Numru 1301/2014

Il-Pulizija

Spettur Nicholas Vella

vs

Khaled Elsayed Abdelsamie Mahgoub Abdelsamie

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' passaport Egizzjan numru A05300061 akkuzat talli:

1. nhar it-30 ta' Dicembru 2014 ghal habta tal-5.00 ta' filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer f'Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Bahar, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew

biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 223 ta' ghamla Peugeot u saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas –sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata issib u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 183, 184, 189 u 17 (b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap 64.

Tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospizi ghal sentejn mill-lum u multa ta' €233 li ghandha tithallas sa zmien xahar altrimenti konvertibbli fin-nuqqas ta' hlas jew kull bilanc f'prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------